MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1471/2004

**Lite Bite Company Limited**

**vs**

**Antoinette u Ehsan mizzewgin Hassan**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rappresentanti l-hlas dovut fuq hames kambjali ta' mitt lira Maltin (Lm100) iffirmati mill-konvenuti favur is-socjeta attrici, liema kambjali ma thallsux fil-21 ta' April 2004, fil-5 ta' Mejju 2004, fid-19 ta' Mejju 2004, fit-2 ta' Gunju 2004 u fis-16 ta' Gunju 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 24 ta' Gunju 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Ra illi ghalkemm debitament notifikati, l-konvenuti baqghu ma dehrux ghas-seduta quddiem it-Tribunal u lanqas ipprezentaw risposta skond il-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Laferla in rappresentanza tas-socjeta attrici, li ezebixxa l-kambjali mertu ta' din il-kawza u inoltre ikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut mill-konvenuti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti bhala Dokumenti AL1 sa AL4.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------